KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA

**Brussell, 2 ta' Lulju 2009 (10.08)**
**(OR. en)**

**11670/09**

**PUBLIC 101**

**NOTA**

| Suġġett: | SOMMARJU TA' KULL XAHAR TA' ATTI TAL-KUNSILL MEJJU 2009 |
|---|---|

Dan id-dokument jikkonsisti f'dan li ġej:

– ANNESS I li fih lista ta' atti adottati mill-Kunsill f'Mejju 2009[1][2].

– ANNESS II li fih aktar dettalji dwar l-adozzjoni ta' dawn l-atti. Il-PARTI I tipprovdi informazzjoni dwar l-adozzjoni tal-atti leġislattivi, bħad-data tal-adozzjoni, il-laqgħa rilevanti tal-Kunsill, in-numru tad-dokument adottat, u skont il-każ, ir-regoli tal-votazzjoni applikabbli, ir-riżultati tal-votazzjoni, l-ispjegazzjonijiet tal-vot u d-dikjarazzjonijiet ippubblikati fil-minuti tal-Kunsill. Il-PARTI II tipprovdi informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti oħrajn li l-Kunsill iddeċieda li jippubblika.

Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll permezz tal-Internet ( http://consilium.europa.eu/) ara taħt "Dokumenti", "Trasparenza Leġislattiva", "Sommarju tal-Atti tal-Kunsill". Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill (Aċċess għal dokumenti tal-Kunsill: Reġistru Pubbliku).

[1] Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'ambitu limitat bħal deċiżjonijiet proċedurali, ħatriet, deċiżjonijiet ta' korpi stabbiliti bi ftehimiet internazzjonali, deċiżjonijiet baġitarji speċifiċi, eċċ.

[2] Fil-każ ta' atti leġislattivi adottati b'kodeċiżjoni, jista' jkun hemm differenza bejn id-data tal-laqgħa tal-Kunsill fejn ġie adottat l-att leġislattiv u d-data reali tal-att inkwistjoni, peress li l-atti leġislattivi b'kodeċiżjoni jitqiesu adottati biss wara l-firma kemm mill-President tal-Kunsill kif ukoll mill-President tal-Parlament Ewropew u s-Segretarji Ġenerali taż-żewġ Istituzzjonijiet.

Għandu jiġi nnotat li huma biss il-minuti dwar l-adozzjoni definittiva ta' atti leġislattivi li huma awtentiċi (disponibbli permezz tal-Internet: http://consilium.europa.eu/, ara taħt "Dokumenti", "Trasparenza Leġislattiva", "Minuti tal-Kunsill").

________________

# LISTA TAL-ATTI ADOTTATI MILL-KUNSILL

# F'MEJJU 2009

**L-2940 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET EKONOMIĊI u FINANZJARJI), li saret fi Brussell fil-5 ta' Mejju 2009**

*2009/439/KE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal- 5 ta' Mejju 2009 li temenda d-Deċiżjoni 2007/250/KE li tawtorizza lir-Renju Unit jintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud*
ĠU L 148, 11.6.2009, p. 14-15
*Direttiva tal-Kunsill 2009/47/KE tal- 5 ta' Mejju 2009 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar rati mnaqqsa tat-taxxa fuq il-valur miżjud*
ĠU L 116, 9.5.2009, p. 18-20
*2009/436/KE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal- 5 ta' Mejju 2009 li tikkoreġi d-Direttiva tal-Kunsill 2008/73/KE li tissimplifika l-proċeduri tal-elenkar u tal-pubblikazzjoni tat-tagħrif fl-oqsma veterinarji u żootekniċi*
ĠU L 145, 10.6.2009, p. 43-44
*Regolament (KE) Nru 396/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 6 ta' Mejju 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1081/2006 dwar il-Fond Soċjali Ewropew biex jestendi t-tipi ta' spejjeż eliġibbli għal kontribut mill-FSE*
ĠU L 126, 21.5.2009, p. 1-2

*Regolament (KE) Nru 397/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1080/2006 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali fir-rigward tal-eliġibbiltà ta' investimenti fl-effiċjenza fl-enerġija u fl-enerġija rinovabbli fid-djar*
ĠU L 126, 21.5.2009, p. 3-4

*Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 tal-5 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll ta' esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-transitu ta' oġġetti b'użu doppju*
ĠU L 134, 29.5.2009, p. 1-269

*Konklużjonijiet tal-Kunsill - Ħames Snin Wara t-Tkabbir tal-UE*
8964/1/09 REV 1
*Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 383/2009 tal-5 ta' Mejju 2009 li jimponi dazju definittiv ta' antidumping u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti wajers u swiegli tal-azzar mingħajr liga tal-prestressing u l-poststressing (wajers u swiegli PSC) li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina*
ĠU L 118, 13.5.2009, p. 1-10

*Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim interim bil-ħsieb ta' Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Istati SADC FSE, minn naħa l-oħra*
14062/08 + ADD 1 to 12 + ADD 3 COR 1 (lv) + ADD 10 COR 1 + ADD 10 COR 2 (ro) + ADD 10 COR 3 (pt) + ADD 10 REV 1 (mt) + ADD 10 REV 1 COR 1 (mt) + ADD 10 REV 1 COR 2 (mt) + ADD 12 COR 1 + ADD 12 COR 2 + COR 1 (fr) + REV 1 (mt) + REV 2 (cs)

*Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-Ftehim dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti Messikani*
7158/09 + COR 1 (pl) + COR 2 (fi) + COR 3 + COR 4 (de) + COR 5 (fr)

*2009/433/KE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Mejju 2009 dwar l-adeżjoni tal-Komunità Ewropea mar-Regolament Nru 61 tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa dwar dispożizzjonijiet uniformi għall-approvazzjoni ta' vetturi kummerċjali fir-rigward tal-isporġenzi esterni tagħhom 'il quddiem mill-pannell posterjuri tal-kabina*
ĠU L 144, 9.6.2009, p. 24-24

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-sostenibilità fit-tul u l-kwalità tal-finanzi pubbliċi*
9490/09
**Proċedura bil-miktub konkluża fis-6 ta' Mejju 2009**

*2009/458/KE: Deċiżjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 li tagħti għajnuna reċiproka lir-Rumanija*
ĠU L 150, 13.6.2009, p. 6-7

*2009/459/KE: Deċiżjoni tal-Kunsill tas- 6 ta' Mejju 2009 li tagħti għajnuna finanzjarja tal-Komunità lir-Rumanija fuq medda medja ta' żmien*
ĠU L 150, 13.6.2009, p. 8-10
**L-2941 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (EDUKAZZJONI, ŻGĦAŻAGĦ u KULTURA), li saret fi Brussell fil-11 u t-12 ta' Mejju 2009**

*Direttiva 2009/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 18 ta' Ġunju 2009 li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE dwar ċerti rekwiżiti ta' żvelar għal kumpaniji ta' daqs medju u l-obbligu tal-preparazzjoni tal-kontijiet konsolidati (Test b'relevanza għaż-ŻEE)*
ĠU L 164, 26.6.2009, p. 42-44
*Direttiva 2009/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 18 ta' Ġunju 2009 dwar is-sikurezza tal-ġugarelli (Test b'relevanza għaż-ŻEE)*
ĠU L 170, 30.6.2009, p. 1-37

*Konklużjonijiet tal-Kunsill bil-ħsieb tal-parteċipazzjoni tal-UE fit-tmien sessjoni tal-Forum tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Foresti (UNFF-8 - New York, mill-20 ta' April sal-1 ta' Mejju 2009)*
7157/09

*Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar Pożizzjoni tal-Komunità fir-rigward ta' Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni UE-Albanija li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu inklużi r-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni*
8583/09

*Pożizzjoni Komuni tal-Unjoni Ewropea dwar L-ewwel laqgħa tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Albanija, Brussell, 18 ta' Mejju 2009*
9316/1/09

*Dikjarazzjoni Politika Unjoni Ewropea - Arġentina*
9405/09

*Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 393/2009 tal-11 ta' Mejju 2009 li jimponi dazju definittiv kontra d-dumping u jiġbor b'mod definittiv id-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti xemgħat, kandeletti u prodotti simili li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina*
ĠU L 119, 14.5.2009, p. 1-18

*Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tas-Sistema Ewropea ta' Krediti għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (ECVET)]*
PE-CONS 3747/3/08 REV 3

*Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' Qafas Ewropew ta' Referenza għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali*
PE-CONS 3746/1/08 REV 1
*Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar l-evalwazzjoni tal-qafas attwali għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ u dwar il-perspettivi futuri għall-qafas imġedded*
9169/09 + COR 1 (fi) + REV 2 (nl)

*Konklużjonijiet tal-Kunsill u r-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, tat-12 ta' Mejju 2009 dwar it-titjib ta' sħubiji bejn l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ u l-imsieħba soċjali, b'mod partikolari min iħaddem, fil-kuntest tat-tagħlim tul il-ħajja*
9876/09

*Konklużjonijiet tal-Kunsill tat- 12 ta' Mejju 2009 dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ (ET 2020)*
ĠU C 119, 28.5.2009, p. 2-10

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Kultura bħala Katalista għall-Kreattività u l-Innovazzjoni*
8749/1/09 REV + REV 1 COR 1 (fr) + REV 1 COR 2 (lv) + REV 2 (da) + REV 3 (ro) + REV 4 (fi)

*2009/400/KE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Mejju 2012 dwar l-avveniment tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura għas-sena 2012*
ĠU L 127, 26.5.2009, p. 9-9

*2009/401/KE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Mejju 2009 dwar l-avveniment tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura għas-sena 2013*
ĠU L 127, 26.5.2009, p. 10-10

**L-2942 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET ĠENERALI u RELAZZJONIJIET ESTERNI), li saret fi Brussell fit-18 ta' Mejju 2009**

*Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 431/2009 tat-18 ta' Mejju 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 332/2002 li jistabbilixxi faċilità li tipprovdi għajnuna finanzjarja għal żmien medju għall-bilanċi ta' pagament tal-Istati Membri*
ĠU L 128, 27.5.2009, p. 1-2
*Azzjoni konġunta tal-Kunsill 2009/405/PESK tat-18 ta' Mejju 2009 li temenda l-Azzjoni Konġunta 2008/112/PESK dwar il-missjoni tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għar-riforma tas-settur tas-sigurtà fir-Repubblika tal-Ginea Bissaw (EU SSR GINEA-BISSAW)*
ĠU L 128, 27.5.2009, p. 60-60

*Pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea għas-47 laqgħa tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KE-Turkija (Brussell, 19 ta' Mejju 2009)*
9649/09 + COR 1 + COR 1 REV 1 (fi) + COR 2 (nl, fi, sv, cs lt)

*Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 412/2009 tat-18 ta' Mejju 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 428/2005 li jimponi dazju definittiv anti-dumping fuq l-importazzjoni ta' fibri diskontinwi tal-poljester li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u mill-Għarabja Sawdita, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2852/2000 li jimponi d-dazju definittiv anti-dumping fuq l-importazzjoni ta' fibri diskontinwi tal-poljester li joriġinaw mir-Repubblika tal-Korea u li jtemm il-proċedura anti-dumping fir-rigward ta' tali importazzjonijiet li joriġinaw mit-Tajwan*
ĠU L 125, 21.5.2009, p. 1-3

*2009/393/KE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat- 18 ta' Mejju 2009 li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem il-Komunità, fi ħdan il-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali fir-rigward tal-estensjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ taċ-Ċereali tal-1995*
ĠU L 124, 20.5.2009, p. 63-63

*2009/394/KE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat- 18 ta Mejju 2009 li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem il-Komunità fi ħdan il-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor fir-rigward tal-estensjoni tal-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992*
ĠU L 124, 20.5.2009, p. 64-64

**L-2943 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET ĠENERALI u RELAZZJONIJIET ESTERNI), li saret fi Brussell fit-18 u t-Tlieta 19 ta' Mejju 2009**

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Strateġija tal-UE ta' Sostenn għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri fil-Pajjiżi fil-Fażi ta' Żvilupp*
9920/09

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Aċċess għal sorsi ta' enerġija sostenibbli fil-livell lokali fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw*
9909/09

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Appoġġ għall-Governanza Demokratika - Lejn qafas imsaħħaħ tal-UE*
9908/09

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Somalja*
9733/09

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sri Lanka*
9857/2/09 REV 2

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-PESD*
10087/09

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Appoġġ lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex ilaħħqu mal-kriżi*
10018/09 + COR 1

**L-2944 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AGRIKOLTURA), li saret fi Brussell, fil-25 ta' Mejju 2009**

*Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 473/2009 tal-25 ta' Mejju 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1698/2005 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u r-Regolament 1290/2005 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni*
ĠU L 144, 9.6.2009, p. 3-8

*2009/434/KE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 2009 li tistabbilixxi l-ammont ta' appoġġ Komunitarju għall-iżvilupp rurali għall-perijodu mill- 1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013 , it-tqassim annwali tiegħu u l-ammont minimu li għandu jiġi kkonċentrat f'reġjuni eliġibbli taħt l-Objettiv ta' Konverġenza*
ĠU L 144, 9.6.2009, p. 25-26

*Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 472/2009 tal-25 ta' Mejju 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 637/2008 fir-rigward tal-programmi nazzjonali ta' ristrutturar għas-settur tal-qoton*
ĠU L 144, 9.6.2009, p. 1-2

*Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 491/2009 tal-25 ta' Mejju 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1234/2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS)*
ĠU L 154, 17.6.2009, p. 1-56

*2009/470/KE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 2009 dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju (Verżjoni kodifikata)*
ĠU L 155, 18.6.2009, p. 30-45

*Direttiva tal- Kunsill 2009/55/KE tal-25 ta' Mejju 2009 dwar eżenzjonijiet mit-taxxa applikabbli għall-introduzzjoni permanenti minn xi Stat Membru tal-proprjetà personali ta' individwi (Verżjoni kodifikata)*
ĠU L 145, 10.6.2009, p. 36-41

*Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009 tal-25 ta' Mejju 2009 dwar l-applikazzjoni tal-Protokoll dwar il-proċedura tal-iżbilanċ eċċessiv anness mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (Verżjoni kodifikata)*
ĠU L 145, 10.6.2009, p. 1-9

*Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 tal-25 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni (Verżjoni kodifikata)*
ĠU L 145, 10.6.2009, p. 10-14

*Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 487/2009 tal-25 ta' Mejju 2009 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 81(3) tat-Trattat għal ċerti kategoriji ta' akkordji u prattiċi miftiehma fis-settur tat-trasport bl-ajru (Verżjoni kodifikata) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)*
ĠU L 148, 11.6.2009, p. 1-4

*2009/410/Euratom: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 2009 dwar l-adozzjoni ta' programm supplimentari ta' riċerka li għandu jiġi implimentat miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka għall-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika*
ĠU L 132, 29.5.2009, p. 13-15

*Direttiva tal-Kunsill 2009/50/KE tal- 25 ta' Mejju 2009 dwar il-kondizzjonijiet ta' dħul u residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijietta' impjieg bi kwalifiki għoljin*
ĠU L 155, 18.6.2009, p. 17-29

*Direttiva 2009/52/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 18 ta' Ġunju 2009 li tipprevedi standards minimi għal sanzjonijiet u miżuri kontra min iħaddem lil ċittadini minn pajjiżi terzi b'residenza illegali*
ĠU L 168, 30.6.2009, p. 24-32

*Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 492/2009 tal-25 ta' Mejju 2009 li jħassar 14-il Regolament li m'għadx hemm lokhom fil-Politika Komuni tas-Sajd*
ĠU L 149, 12.6.2009, p. 1-3

*Pjan ta' Azzjoni dwar id-Drogi 2009-2013 bejn l-UE u l-istati Ċentro-Asjatiċi*
9961/09

*2009/404/KE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 2009 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kummerċ tal-prodotti agrikoli*
ĠU L 136, 30.5.2009, p. 1-1

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali tal-Qorti tal-Awdituri Nru 1/2009 dwar "Miżuri Bankarji fiż-żona tal-Mediterran fil-kuntest tal-programm MEDA u l-protokolli preċedenti"*
9918/09

*2009/447/KE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 2009 li tħassar id-Direttiva 83/515/KEE u 11-il Deċiżjoni li skadew fil-qasam tal-Politika Komuni tas-Sajd*
ĠU L 149, 12.6.2009, p. 62-63

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "PAK Simplifikata għall-Ewropa - suċċess għal kulħadd"*
9859/09

**L-2945 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (KOMPETITTIVITÀ (SUQ INTERN, INDUSTRIJA u RIĊERKA)), li saret fi Brussell fit-28 u d-29 ta' Mejju 2009**

*Direttiva 2009/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar l-isfruttament u t-tqegħid fis-suq ta' ilmijiet minerali naturali (Tfassil mill-ġdid) (Test b'relevanza għaż-ŻEE)*
ĠU L 164, 26.6.2009, p. 45-58

*Direttiva 2009/53/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 18 ta' Ġunju 2009 li temenda d-Direttiva 2001/82/KE u d-Direttiva 2001/83/KE, fir-rigward tal-varjazzjonijiet għat-termini tal-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti mediċinali (Test b'relevanza għaż-ŻEE)*
ĠU L 168, 30.6.2009, p. 33-34

*Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jadatta ċerti atti soġġetti għall-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE b'rabta mal-proċedura regolatorja bi skrutinju - Adattament għall-proċedura regolatorja bi skrutinju - ir-Raba' Parti*
PE-CONS 3734/1/08 REV 1

*2009/473/KE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Mejju 2009 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fl-għamla ta' skambju ta' ittri dwar l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' sħubija dwar is-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Ginea*
ĠU L 156, 19.6.2009, p. 31-32

*Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-pożizzjoni Komunitarja li għandha tiġi adottata fil-Kummissjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali*
9932/09 + COR 1 (lv)

*Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-pożizzjoni Komunitarja li għandha tiġi adottata fl-Organizzazzjoni għall-Konservazzjoni tas-Salamun fl-Oċean Atlantiku*
9930/09

*Deċiżjoni tal-Kunsill li tippubblika f'forma konsolidata t-test tal-Konvenzjoni Doganali dwar it-trasport internazzjonali ta' oġġetti ta' merkanzija li jaqgħu taħt il-carnets TIR (Konvenzjoni TIR) tal-14 ta' Novembru 1975 kif emendata minn dik id-data 'l hawn*
7563/09 + COR 1 (bg) + REV 1 (fi) + REV 2 (hu) + REV 3 (en)

*2009/448/KE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Mejju 2009 li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, fir-rigward tal-awditur estern tad-De Nederlandsche Bank*
ĠU L 149, 12.6.2009, p. 64-64

*Dikjarazzjoni Konġunta AKP-UE dwar it-Tibdil fil-Klima u l-Iżvilupp*
9326/09

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Approċċ integrat għal politika industrijali kompetittiva u sostenibbli fl-Unjoni Ewropea*
10082/09 + REV 1 (pl)
*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Regolamentazzjoni Aħjar"*
9663/09

*Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar l-eżitu tas-Sitt "Kunsill Spazju" tad-29 ta' Mejju 2009*
10228/09 + REV 1 (fr)

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-evalwazzjoni u valutazzjoni tal-impatt tal-programmi qafas Ewropej għar-riċerka (FPs)*
10610/09

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Infrastrutturi ta' Riċerka u d-dimensjoni reġjonali taż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER)*
10612/09

*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-ewwel passi tal-Proċess ta' Ljubljana lejn it-twettiq tal-Viżjoni 2020 għaż-Żona Ewropea tar-Riċerka*
10615/09

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TAL-ATTI LEĠISLATTIVI<br>Mejju 2009 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TA' VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| **L-2940 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET EKONOMIĊI u FINANZJARJI), li saret fi Brussell fil-5 ta' Mejju 2009** | | | |
| 2009/439/KE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal- 5 ta' Mejju 2009 li temenda d-Deċiżjoni 2007/250/KE li tawtorizza lir-Renju Unit jintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud | 9043/09 | Unanimità | L-Istati Membri kollha favur |
| Direttiva tal-Kunsill 2009/47/KE tal- 5 ta' Mejju 2009 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar rati mnaqqsa tat-taxxa fuq il-valur miżjud | 8238/3/09 REV 3 | Unanimità | L-Istati Membri kollha favur, ħlief: astensjoni: CY |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TAL-ATTI LEĠISLATTIVI<br>Mejju 2009 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TA' VOTAZZJONI** | **VOTI** |

**Dikjarazzjoni minn Ċipru**
Ċipru attwalment japplika eżenzjoni b'possibbiltà ta' tnaqqis tal-VAT imħallsa fl-istadju preċedenti fir-rigward tal-provvista tal-farmaċewtiċi u l-prodotti tal-ikel għall-konsum mill-bniedem. L-applikazzjoni attwali tar-rata żero tal-VAT fuq dawn il-prodotti hija bbażata fuq deroga, li wara t-tiġdid tagħha, tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2010. Għalkemm aħna favur ir-rata żero tal-VAT fuq dawn, b'rieda tajba u bi spirtu komunitarju, Ċipru żamm lura milli speċifikament iqajjem il-kwistjoni ta' estensjoni ulterjuri.
Taħt it-termini tal-ftehim politiku milħuq fl-2931 laqgħa tal-Kunsill ECOFIN tal-10 ta' Marzu, 2009, dwar ir-reġim tal-VAT imnaqqsa, l-Istati Membri l-oħra kollha li attwalment japplikaw rata żero ta' VAT fuq il-prodotti tal-ikel u l-farmaċewtiċi ser ikollhom l-ispazju biex ikomplu japplikaw rata żero wara t-tmiem tal-2010 (dok. 7448/1/09 REV1, FISC 31). Ċipru ser ikun l-uniku Stat Membru, minn dawk kollha li bħalissa għandhom eżenzjoni b'possibbiltà ta' tnaqqis tal-VAT imħallsa fl-istadju preċedenti, li ser jitlef din l-għażla wara l-2010.
Ċipru jikkunsidra li l-formulazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill proposta li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar rati mnaqqsa ta' taxxa fuq il-valur miżjud kellha tirrifletti aħjar il-prinċipji ta' ugwaljanza u trattament ugwali tal-Istati Membri f'sitwazzjonijiet simili. F'dan ir-rigward, l-istess deroga kellha tapplika għall-Istati Membri f'sitwazzjonijiet simili waqt li tippermettilhom jibbenefikaw mill-istess arranġamenti speċjali previsti fl-Artikolu 111(c).
Ċipru jistenna li jinstab mod xieraq sabiex tiġi akkomodata t-talba leġittima tagħha qabel tiskadi din id-deroga fi tmiem l-2010.

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni Dwar il-kategorija 8 fl-Anness III**
Il-Kummissjoni tqis li t-terminu "ir-riċezzjoni ta' servizzi ta' xandir tar-radju u tat-televiżjoni" għandu definizzjoni mingħajr sens għall-finijiet fiskali. Sabiex ikun hemm koerenza mas-sistema tal-VAT, din il-kategorija tista' tfisser biss "forniment ta' servizzi tax-xandir tar-radju u tat-televiżjoni". Il-Kummissjoni ser tagħmel ħilitha biex tiżgura li l-użu mill-Istati Membri ta' rati mnaqqsa tal-VAT f'dan il-qasam ma jkunx soġġett għal restrizzjonijiet mhux ġustifikati jew diskriminatorji li jistgħu, fost oħrajn, jirriżultaw minn interpretazzjoni partikolari tat-terminu "riċezzjoni".

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TAL-ATTI LEĠISLATTIVI<br>Mejju 2009 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TA' VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| <u>**Dikjarazzjoni mil-Kummissjoni**</u> **Dwar il-punt 2 (kategorija 10a fl-Anness III)**<br>Il-Kummissjoni tqis li l-esklużjoni ta' materjali li jiffurmaw parti sinifikanti mill-valur tas-servizz provdut mis-servizzi li jikkonsistu fit-tiġdid u t-tiswija ta' djar privati huwa bla skop u suxxettibbli għall-ħolqien ta' distinzjonijiet bla użu u litigazzjonijiet. L-esperjenza ta' servizzi b'xogħol intensiv uriet li l-Istati Membri interpretaw din l-esklużjoni b'modi differenti ħafna u huwa għalhekk li l-Kummissjoni ma kinitx ipproponiet esklużjoni bħal din. Il-Kummissjoni jidhrilha li meta l-materjali jirrappreżentaw inqas minn 50% tal-valur totali tas-servizz ipprovdut, dan ma jistax jiġi kkunsidrat bħala sinifikanti. Jekk l-Istati Membri jagħżlu li japplikaw ir-rata standard tal-VAT għal materjali li jammontaw għal aktar minn 50% tal-valur totali tas-servizz ikkonċernat, xorta waħda jeħtieġ li jkun ċar li din hija sempliċement restrizzjoni fuq l-applikazzjoni tar-rata mnaqqsa provduta fit-transazzjonijiet speċifikati fil-kategorija 10a fl-Anness III. Għall-fini li jkun determinat il-post tal-provvista ta' transazzjonijiet bħal dawn, kemm is-servizz kif ukoll il-provvista relatata ta' materjali għandha, fi kwalunkwe każ, tkun meqjusa bħala provvista waħda ta' servizzi li jikkonsistu fit-tiġdid u t-tiswija ta' djar privati. | | | |
| 2009/436/KE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal- 5 ta' Mejju 2009 li tikkoreġi d-Direttiva tal-Kunsill 2008/73/KE li tissimplifika l-proċeduri tal-elenkar u tal-pubblikazzjoni tat-tagħrif fl-oqsma veterinarji u żootekniċi | 7761/09 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Regolament (KE) Nru 396/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 6 ta' Mejju 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1081/2006 dwar il-Fond Soċjali Ewropew biex jestendi t-tipi ta' spejjeż eliġibbli għal kontribut mill-FSE | PE-CONS 3618/4/09 REV 4 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Regolament (KE) Nru 397/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1080/2006 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali fir-rigward tal-eliġibbiltà ta' investimenti fl-effiċjenza fl-enerġija u fl-enerġija rinovabbli fid-djar | PE-CONS 3619/4/09 REV 4 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TAL-ATTI LEĠISLATTIVI<br>Mejju 2009 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TA' VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 tal-5 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-transitu ta' oġġetti b'użu doppju | 7815/09 + COR 1 | Unanimità | L-Istati Membri kollha favur |

**Dikjarazzjoni mill-Kunsill/Kummissjoni għal meta jiġi adottat ir-Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi sistema Komunitarja għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-transitu ta' oġġetti b'użu doppju**

1. Il-Kunsill u l-Kummissjoni, filwaqt li nnotaw il-kunsens dwar l-Artikolu 25 tar-Regolament, jaqblu li jivvalutaw il-lista ta' oġġetti li għalihom tenħtieġ liċenzja għat-trasferimenti intra-Komunitarji, b'kont meħud tal-prinċipji tat-Titolu II, Kapitolu 9 tat-Trattat Euratom (Is-Suq Nukleari Komuni) u l-Artikolu 30 tat-Trattat KE.

2. Il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu li s-sħubija tal-Istati Membri kollha f'sistemi ta' kontroll tal-esportazzjonijiet huwa mixtieq sabiex jiġi eżerċitat b'mod effiċjenti il-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-transitu ta' oġġetti b'użu doppju fil-Komunità, u li jista jkun ta' siwi għall-Kummissjoni li jkollha aċċess għas-sistemi elettronikament siguri għad-distribuzzjoni tad-dokumenti tal-Arranġament ta' Wassenaar u s-Sistema ta' Kontroll tat-Teknoloġija tal-Missili li jirreferu għall-kontrolli tal-esportazzjonijiet ta' oġġetti b'użu doppju. Il-Presidenza ser tavviċina lill-korp adegwat tas-sistema biex tesplora l-possibbiltà li jingħata aċċess lis-Servizzi tal-Kummissjoni, b'kont meħud tal-ħtiġiet ta' kunfidenzjalità fi ħdan is-sistemi.

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TAL-ATTI LEĠISLATTIVI<br>Mejju 2009 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TA' VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| **Dikjarazzjoni mill-Olanda u l-Estonja għal meta jiġi adottat ir-Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi sistema Komunitarja għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-transitu ta' oġġetti b'użu doppju**<br>L-Olanda u l-Estonja jixtiequ jikkongratulaw lill-Presidenza Ċeka dwar il-konklużjoni tal-konsultazzjonijiet dwar ir-regolament, imfassal mill-ġdid, dwar l-użu doppju u jirringrazzjaw lid-delegazzjonijiet kollha għall-iskambju produttiv ta' fehmiet matul dawn l-aħħar sentejn.<br>Mill-bidu tad-diskussjonijiet fl-2007, id-delegazzjoni Olandiża tenniet il-preokkupazzjonijiet tagħha dwar entitajiet u/jew persuni li jaġixxu ta' sensara għal proġetti marbutin ma' armi ta' qerda massiva. Filwaqt li jappoġġaw il-kunsens dwar it-tfassil mill-ġdid, għall-fini tas-sigurtà pubblika, l-Olanda u l-Estonja għadhom jikkunsidraw li hija meħtieġa leġislazzjoni aktar stretta dwar is-senserija sabiex tiġi ffaċċata b'mod adegwat it-theddida ta' attivitajiet marbutin mal-AQM.<br>Il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi sistema Komunitarja għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-transitu ta' oġġetti b'użu doppju huwa limitat għall-entità/persuna li tipprovdi servizzi ta' senserija bejn żewġ pajjiżi terzi, meta s-sensar ikun jinsab fl-UE. Sabiex jintlaħaq l-objettiv tal-prevenzjoni tal-proliferazzjoni tal-AQM, l-Olanda u l-Estonja jistgħu jeħtieġu leġislazzjoni addizzjonali sabiex jilħqu l-obbligi internazzjonali tagħhom.<br>Għalhekk, l-Olanda u l-Estonja jilqgħu il-possibbiltà li hemm fir-regolament imfassal mill-ġdid li tiġi estiża l-applikabbiltà tad-dispożizzjonijiet li jipprevedu servizzi ta' senserija fuq il-livell nazzjonali. Għandna l-intenzjoni li nużaw dawn il-possibbiltajiet, filwaqt li nirrispettaw il-qafas legali tar-regolament. | | | |
| **Proċedura bil-miktub konkluża fis-6 ta' Mejju 2009** | | | |
| 2009/458/KE: Deċiżjoni tal-Kunsill tas- 6 ta' Mejju 2009 li tagħti għajnuna reċiproka lir-Rumanija | 9059/09 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| **Dikjarazzjoni mill-Ġermanja**<br>Il-Gvern Federali qabel li jaċċetta r-rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tagħti assistenza reċiproka lir-Rumanija u l-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tagħti assistenza finanzjarja tal-UE għall-perijodu medju lir-Rumanija minkejja l-fatt li dokumenti ta' referenza 9059/09 u 9061/09 mhumiex disponibbli bil-Ġermaniż, filwaqt li nistennew li s-Segretarjat tal-Kunsill jipprovdi l-verżjonijiet bil-Ġermaniż għad-dokumenti ta' hawn fuq malajr kemm jista' jkun. | | | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TAL-ATTI LEĠISLATTIVI<br>Mejju 2009 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TA' VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| **L-2941 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (EDUKAZZJONI, ŻGĦAŻAGĦ u KULTURA), li saret fi Brussell fil-11 u t-12 ta' Mejju 2009** | | | |
| Direttiva 2009/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 18 ta' Ġunju 2009 li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE dwar ċerti rekwiżiti ta' żvelar għal kumpanniji ta' daqs medju u l-obbligu tal-preparazzjoni tal-kontijiet konsolidati (Test b'relevanza għaż-ŻEE) | PE-CONS 3748/2/08 REV 2 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Direttiva 2009/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar is-sikurezza tal-ġugarelli (Test b'relevanza għaż-ŻEE) | PE-CONS 3744/3/08 REV 3 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur, ħlief:<br>kontra: DE, AT: |

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea dwar il-monitoraġġ tal-aspetti ta' sikurezza (Artikolu 47)**

B'segwitu tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva riveduta dwar is-Sikurezza tal-Ġugarelli, il-Kummissjoni ser tissorvelja mill-qrib l-iżviluppi kollha relatati mal-implimentazzjoni tagħha sabiex tevalwa jekk hija tipprevedix livell adegwat ta' sikurezza tal-ġugarelli, b'mod partikolari rigward l-applikazzjoni tal-proċeduri għall-valutazzjoni tal-konformità stabbiliti fil-Kapitolu IV.

Id-Direttiva riveduta dwar is-Sikurezza tal-Ġugarelli tobbliga lill-Istati Membri jirrapportaw dwar is-sitwazzjoni fir-rigward tas-sikurezza tal-ġugarelli, l-effettività tad-Direttiva u s-sorveljanza tas-suq imwettaq mill-Istati Membri.

L-evalwazzjoni tal-Kummissjoni ser tkun ibbażata, fost l-oħrajn, fuq ir-rapporti tal-Istati Membri li għandhom jiġu ppreżentati tliet snin wara d-data tal-applikazzjoni tad-Direttiva, b'attenzjoni partikolari fuq is-sorveljanza tas-suq fl-Unjoni Ewropea u l-fruntieri esterni tagħha.

Il-Kummissjoni għandha tagħmel rapport lill-Parlament Ewropew mhux aktar tard minn sena wara l-preżentazzjoni tar-rapporti tal-Istati Membri..

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TAL-ATTI LEĠISLATTIVI<br>Mejju 2009 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TA' VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea dwar ir-rikjesti rigward il-ġugarelli li huma ddisinjati biex jagħmlu l-ħsejjes (Anness II.I.10)**<br>Abbażi tar-rikjesta essenzjali l-ġdida ta' sikurezza taħt id-Direttiva dwar is-Sikurezza tal-Ġugarelli għal ġugarelli li huma ddisinjati biex jagħmlu l-ħsejjes, il-Kummissjoni ser tagħti mandat lill-CEN biex jistabbilixxi standard rivedut li jillimita l-valuri massimi kemm għall-ħoss ta' impuls kif ukoll għall-ħoss kontinwu li jsir mill-ġugarelli, sabiex it-tfal ikunu protetti adegwatament mir-riskju tat-telf ta' smigħ.<br><br>**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea dwar il-klassifikazzjoni ta' kotba**<br>B'kont meħud tad-diffikultajiet relatati mat-testijiet rilevanti meħtieġa fl-istandard armonizzat tal-ġugarelli EN 71:1 għal kotba magħmulin minn kartun u karti, il-Kummissjoni ser tagħti mandat lill-CEN biex jistabbilixxi standard rivedut li jkopri ttestjar adegwat għall-kotba tat-tfal. | | | |
| **L-2942 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET ĠENERALI u RELAZZJONIJIET ESTERNI), li saret fi Brussell fit-18 ta' Mejju 2009** | | | |
| Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 431/2009 tat-18 ta' Mejju 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 332/2002 li jistabbilixxi faċilità li tipprovdi għajnuna finanzjarja għal żmien medju għall-bilanċi ta' pagament tal-Istati Membri | 9487/09 | Unanimità | L-Istati Membri kollha favur |
| **L-2944 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AGRIKOLTURA), li saret fi Brussell, fil-25 ta' Mejju 2009** | | | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TAL-ATTI LEĠISLATTIVI<br>Mejju 2009 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TA' VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 473/2009 tal-25 ta’ Mejju 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1698/2005 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u r-Regolament 1290/2005 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni | 8567/09 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| 2009/434/EC: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta’ Mejju 2009 li temenda d-Deċiżjoni 2006/493/KE li tiddeteremina l-ammont tal-appoġġ Komunitarju favur l-iżvilupp rurali għall-perjodu mill-1 ta’ Jannar 2007 sal-31 ta’ Diċembru 2013, it-tqassim annwali tiegħu u l-ammont minimu li għandu jiġi kkonċentrat f'reġjuni eliġibbli taħt l-Objettiv ta’ Konverġenza | 8568/09 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-promozzjoni tal-impjieg**
Il-Kummissjoni hija lesta, fil-possibbiltajiet previsti mir-regolamenti fis-seħħ, li tassisti lill-Istati Membri biex jadottaw strateġiji nazzjonali u programmi ta' żvilupp rurali mmirati biex jippromwovu l-impjieg.

**Dikjarazzjoni mil-Latvja dwar il-kriterju għall-allokazzjoni użat għall-fondi tal-iżvilupp rurali fil-Pjan Ewropew ta' Rilanċ Ekonomiku**
Il-Latvja tappoġġa l-azzjonijiet proposti mill-Pjan Ewropew ta' Rilanċ Ekonomiku (PERE) biex tingħata direzzjoni lill-finanzjament addizzjonali għall-iżvilupp rurali. Madankollu, jiddispjaċina li l-finanzjament previst għall-internet broadband u l-isfidi l-ġodda relatati mal-"Verifika tas-Saħħa" tal-PAK tnaqqas minn EUR 1.5 biljun għal EUR 1.02 biljun. Barra minn dan, bħala riżultat tal-"Verifika tas-Saħħa" tal-PAK l-Istati Membri l-ġodda ma rċevewx finanzjament addizzjonali għall-isfidi l-ġodda.
Għalhekk, il-Latvja hija tal-opinjoni li l-finanzjament mill-PERE u l-finanzjament futur għal miżuri simili ta' appoġġ għandhom ikunu distribwiti fost l-Istati Membri f'konformità ma' kriterji realistiċi u imparzjali u m'għandux ikun ibbażat fuq data storika.

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TAL-ATTI LEĠISLATTIVI<br>Mejju 2009 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TA' VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| **Dikjarazzjoni mir-Repubblika ta' Ċipru**<br>Ċipru jappoġġa l-adozzjoni tar-Regolament u d-Deċiżjoni fil-qafas tal-Pjan Ewropew ta' Rilanċ Ekonomiku (EERP). Madankollu, Ċipru jikkunsidra li l-adozzjoni tagħhom ma tikkostitwixxix opinjoni mill-Kunsill dwar l-użu mill-Kummissjoni ta' xi sistema finanzjarja għad-distribuzzjoni fost l-Istati Membri tal-fondi addizzjonali allokati għall-Iżvilupp Rurali taħt l-EERP, u lanqas li tippreġudika l-użu tagħha f'xi allokazzjoni futura.<br>Ċipru jixtieq itenni l-pożizzjoni tiegħu li hemm ħtieġa li s-sistema ta' distribuzzjoni tiġi ddefinita b'tali mod li tippermetti aktar kondiviżjoni ekwa ta' fondi fost l-Istati Membri, fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi li jieħdu kont tal-livell li skontu l-Istati Membri jkunu affettwati minn sfidi ġodda, b'mod partikolari it-tibdil fil-klima. | | | |
| Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 472/2009 tal-25 ta’ Mejju 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 637/2008 fir-rigward tal-programmi nazzjonali ta’ ristrutturar għas-settur tal-qoton | 6585/09 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur, ħlief:<br>kontra: UK |
| Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 491/2009 tal-25 ta' Mejju 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1234/2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli ("Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS") | 7046/09<br>+ COR 1 (sk)<br>+ COR 2 (hu) | Unanimità | L-Istati Membri kollha favur |
| 2009/470/KE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 2009 dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju (Verżjoni kodifikata) | 8673/09<br>+ COR 1 (fr) | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Direttiva tal- Kunsill 2009/55/KE tal-25 ta' Mejju 2009 dwar eżenzjonijiet mit-taxxa applikabbli għall-introduzzjoni permanenti minn xi Stat Membru tal-proprjetà personali ta’ individwi (Verżjoni kodifikata) | 8687/09 | Unanimità | L-Istati Membri kollha favur |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TAL-ATTI LEĠISLATTIVI<br>Mejju 2009 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TA' VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009 tal-25 ta Mejju 2009 dwar l-applikazzjoni tal-Protokoll dwar il-proċedura tal-iżbilanċ eċċessiv anness mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (Verżjoni kodifikata) | 8688/09<br>+ REV 1 (hu)<br>+ REV 2 (lt) | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 tal-25 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni (Verżjoni kodifikata) | 8689/09<br>+ COR 1 (lt) | Unanimità | L-Istati Membri kollha favur |
| Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 487/2009 tal-25 ta' Mejju 2009 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 81(3) tat-Trattat għal ċerti kategoriji ta' akkordji u prattiċi miftiehma fis-settur tat-trasport bl-ajru (Verżjoni kodifikata) (Test b'relevanza għaż-ŻEE) | 8690/09 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| 2009/410/Euratom: Deċiżjoni tal-Kunsill tal- 25 ta' Mejju 2009 dwar l-adozzjoni ta' programm supplimentari ta' riċerka li għandu jiġi implimentat miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka għall-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika | 9646/09 | Unanimità | L-Istati Membri kollha favur, ħlief:<br>astensjoni: UK |
| Direttiva tal-Kunsill 2009/50/KE tal- 25 ta' Mejju 2009 dwar il-kondizzjonijiet ta' dħul u residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijietta' impjieg bi kwalifiki għoljin | 17426/08<br>+ COR 1 (de)<br>+ COR 2 (fi)<br>+ REV 1 (el)<br>+ REV 1 COR 1 (el) | Unanimità | L-Istati Membri kollha favur |

<table>
<tr><th colspan="4">INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TAL-ATTI LEĠISLATTIVI<br>Mejju 2009</th></tr>
<tr><th>TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV</th><th>TESTI ADOTTATI</th><th>REGOLA TA' VOTAZZJONI</th><th>VOTI</th></tr>
<tr><td colspan="4">Dikjarazzjoni mill-Kunsill<br>Il-Kunsill ifakkar li linji politiċi dwar il-migrazzjoni ta' xogħol, inkluża din id-Direttiva, għandhom jiġu implimentati f'konformità sħiħa mal-acquis communautaire u l-preferenza Komunitarja, kif espress b'mod partikolari fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Atti ta’ Adeżjoni tas-16 ta’ April 2003 u l-25 ta’ April 2005 li l-Istati Membri huma marbutin li jirrispettaw. L-Istati Membri għandhom jimplimentaw din id-Direttiva b'kont meħud tar-riżorsi umani potenzjali fl-Unjoni Ewropea u billi jużaw ir-riżorsi l-aktar adatti, inkluż bit-trawwim tal-mobbiltà fl-Unjoni ta' ħaddiema bi kwalifiki għoljin li huma ċittadini tal-UE.<br><br>Dikjarazzjoni mill-Awstrija rigward l-Artikolu 14(1)(f)<br>Bil-prinċipji applikati mill-Awstrija fil-qasam tas-sigurtà soċjali internazzjonali, il-pensjonijiet ma jiġux esportati b'mod obbligatorju lejn Stati oħrajn ħlief jekk ikun iggarantit li l-pensjonijiet jiġu esportati wkoll minn dawk l-Istati lejn l-Awstrija. Dan ma jistax jiġi ggarantit bir-regoli preżenti. B'kont meħud tan-natura speċifika ta' din il-kategorija ta' persuni, l-Awstrija lesta li taċċetta l-arranġament fl-Artikolu 14(1)(f) jekk ikun magħmul ċar li b'dan ma jinħoloq l-ebda preġudizzju fir-rigward ta' kategoriji oħra ta' persuni.</td></tr>
<tr><td>Direttiva 2009/52/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Ġunju 2009 li tipprevedi standards minimi għal sanzjonijiet u miżuri kontra min iħaddem lil ċittadini minn pajjiżi terzi bresidenza illegali</td><td>PE-CONS 3612/09<br>+ REV 1 (lt)<br>+ REV 1 COR 1 (lt)</td><td>Maġġoranza kwalifikata</td><td>L-Istati Membri kollha favur, ħlief:<br>kontra: SE<br>astensjoni: FI</td></tr>
</table>

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TAL-ATTI LEĠISLATTIVI<br>Mejju 2009 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TA' VOTAZZJONI** | **VOTI** |

**Dikjarazzjoni mill-Polonja dwar id-Direttiva**
Il-Polonja tappoġġa l-idea tal-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali u l-esplojtazzjoni relatata, li jidhru f'diversi Stati Membri tal-Unjoni Ewropea, permezz ta' diversi miżuri li jinkludu strumenti ekonomiċi kif ukoll penali previsti skont il-liġi nazzjonali.
Il-Polonja dejjem kienet tal-fehma li s-sistema ta' sanzjonijiet relatati mal-impjieg ta' ċittadini minn pajjiżi terzi b'soġġorn illegali għandha tkun konsistenti ma' penali għal forom oħra ta' impjieg illegali u għandha tkun ibbażata primarjament fuq responsabbiltà amministrattiva u finanzjarja.
F'dan il-kuntest aħna nenfasizzaw ir-rwol dissważiv tal-infurzar effiċjenti ta' sanzjonijiet, li jobbligahom li jkunu proporzjonali u effettivi.
Il-Polonja tenfasizza li r-responsabbiltà personali hija waħda mis-sisien tas-sistema legali. Hija temmen li ebda persuna m'għandha qatt tinżamm awtomatikament responsabbli għal kwalunkwe ksur tal-liġi minn persuni oħra, meta ma kien hemm ebda opportunità għal persuna normalment diliġenti fin-natura ta' relazzjoni legali partikolari li tkun taf li twettqet xi irregolarità.
Il-Polonja tivvaforixxi monitoraġġ effiċjenti tal-ħidma u forom oħra ta' attività ekonomika ta' migranti bħala mezz li jimpedixxi l-abbuż tar-regoli tal-immigrazzjoni min-naħa l-waħda u tal-istandards tax-xogħol u d-drittijiet tal-ħaddiema migranti min-naħa l-oħra.

**Dikjarazzjoni mill-Finlandja, l-Ungerija, il-Polonja u l-Isvezja dwar id-Direttiva**
Il-Finlandja, l-Ungerija, il-Polonja u l-Isvezja jikkunsidraw li l-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali u s-soġġorn illegali hija importanti, u għalhekk jappoġġaw bis-sħiħ l-għan prinċipali tad-Direttiva.
Madankollu, il-Finlandja, l-Ungerija, il-Polonja u l-Isvezja jixtiequ jissottolinjaw li l-Komunità Ewropea biss għandha l-kompetenza li tadotta dispożizzjonijiet tal-liġi kriminali meta jittwetqu l-kriterji stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea fis-sentenzi tagħha fil-każijiet C-176/03 u C-440/05. Fl-opinjoni tal-Finlandja, l-Ungerija, il-Polonja u l-Isvezja, dan ma ġiex stabbilit fir-rigward ta' din id-Direttiva u, għalhekk, il-kompetenza tal-Komunità Ewropea li tadotta dispożizzjonijiet tal-liġi kriminali fil-qasam tal-immigrazzjoni illegali u s-soġġorn illegali tibqa' mhux ċara.
Għalhekk, il-Finlandja, l-Ungerija, il-Polonja u l-Isvezja jiddispjaċihom li l-Kunsill ma adottax soluzzjoni li tippermetti lill-Istati Membri jagħżlu l-mod kif jimplimentaw d-Direttiva meta jinkludu l-ħtieġa li biha l-impjieg ta' ċittadini minn pajjżi terzi b'soġġorn illegali hija projbita.

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TAL-ATTI LEĠISLATTIVI<br>Mejju 2009 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TA' VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| **Dikjarazzjoni konġunta mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill**<br>Il-Parlament u l-Kunsill jiddikjaraw li r-regoli dwar is-subkuntrattar maqbula fl-Artikolu 8 ta' din id-Direttiva għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet oħra dwar din il-kwistjoni li għandhom jiġu adottati fi strumenti leġislattivi futuri.<br><br>**Dikjarazzjoni mill-Ġermanja dwar l-Artikolu 10(2) u l-Artikolu 12(2)**<br>Fir-rigward kemm tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni ġudizzjarja fl-Artikolu 10(2) kif ukoll tal-lista ta' min iħaddem miżmuma responsabbli fl-Artikolu 12(2) ta' din id-Direttiva, il-Ġermanja tenfasizza l-konsegwenzi tal-Artikolu 6(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea għall-istituzzjonijiet, u għall-Istati Membri meta jaslu biex jittrasponu din id-Direttiva fil-liġi nazzjonali.<br><br>**Dikjarazzjoni mill-Belġju dwar l-Artikolu 8 tad-Direttiva**<br>Il-Belġju jikkunsidra li l-obbligi ta' min iħaddem imsemmija fl-Artikolu 8 ta' dan l-istrument għandhom jitqiesu fil-kuntest tal-objettivi intenzjonati tal-istrument.<br><br>**Dikjarazzjoni mill-Litwanja**<br>Skont il-liġi Litwana, is-sempliċi fatt li persuna li tkun diġà ġiet ippenalizzata b'piena amministrattiva għal att partikolari, tkun reġgħet ikkommettiet att simili, soġġett għal piena amministrattiva, ma jinvolvix ir-responsabbiltà kriminali ta' dik il-persuna għat-tieni att. Madankollu, jekk ksur ripetittiv bħal dan juri xejra persistenti u abitwali (il-ksur isir sistematikament, b'mod kummerċjali, eċċ), imġiba bħal din tista' tikkwalifika bħala reat kriminali soġġett għal prosekuzzjoni kriminali.<br>Il-Litwanja hi tal-fehma li b'dan il-mod il-ħtiġiet imniżżlin fl-Artikolu 9(1)(a) tad-Direttiva huma riflessi kif adatt fil-liġi nazzjonali tagħha. | | | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TAL-ATTI LEĠISLATTIVI<br>Mejju 2009 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TA' VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| **Dikjarazzjoni mill-Olanda**<br>L-Olanda tqis id-Direttiva bħala ta' importanza kbira għall-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali u l-impjieg illegali. Għaldaqstant, l-Olanda qiegħda tivvota favur id-Direttiva, minkejja li tqis li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 ser ifissru li l-impjegati illegali għandhom aktar drittijiet mill-impjegati legali. L-Artikolu jintroduċi katina ta' responsabbiltà għall-ħlas ta' arretrati dovuti lill-impjegati illegali li ma jeżistux għall-impjegati legali. | | | |
| Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 492/2009 tal- 25 ta' Mejju 2009 li jħassar 14-il Regolament li m'għadx hemm lokhom fil-Politika Komuni tas-Sajd | 9554/09 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| **L-2945 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (KOMPETITTIVITÀ (SUQ INTERN, INDUSTRIJA u RIĊERKA)), li saret fi Brussell fit-28 u d-29 ta' Mejju 2009** | | | |
| Direttiva 2009/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar l-isfruttament u t-tqegħid fis-suq ta' ilmijiet minerali naturali (Tfassil mill-ġdid) (Test b'relevanza għaż-ŻEE) | PE-CONS 3695/1/08 REV 1 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |
| Direttiva 2009/53/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 18 ta' Ġunju 2009 li temenda d-Direttiva 2001/82/KE u d-Direttiva 2001/83/KE, fir-rigward tal-varjazzjonijiet għat-termini tal-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti mediċinali (Test b'relevanza għaż-ŻEE) | PE-CONS 3713/1/08 REV 1 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur, ħlief:<br>astensjoni: DE |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TAL-ATTI LEĠISLATTIVI<br>Mejju 2009 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TA' VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| **Dikjarazzjoni mill-Ġermanja dwar il-verżjoni Ġermaniża tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2001/82/KE u d-Direttiva 2001/83/KE fir-rigward tal-varjazzjonijiet għat-termini tal-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti mediċinali**<br>Aħna ninnotaw b'dispjaċir, li hemm nuqqasijiet fit-traduzzjoni Ġermaniża tat-test legali mħejji mis-Servizzi Legali tal-Kunsill, billi din ma tqisx biżżejjed il-ħtiġiet tat-terminoloġija speċjalizzata u legali li tintuża f'pajjiżi fejn hu mitkellem il-Ġermaniż; dawn in-nuqqasijiet diġà ġew innotati fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 1394/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar prodotti mediċinali ta' terapija avvanzata. B'mod partikolari t-traduzzjoni tat-terminu Ingliż "Marketing Authorisation" bħala "Genehmigung für das Inverkehrbringen" (awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq) ma tintużax fit-terminoloġija speċjalizzata u legali Ġermaniża, u xi kultant tista' tinftiehem ħażin.<br>"Zulassung" (awtorizzazzjoni) hija l-unika traduzzjoni preċiża ta' dan it-terminu bl-Ingliż, u tinftiehem sew minn dawk kollha li jaħdmu fis-settur. Għalhekk fil-Ġermanja dan it-terminu ser jibqa' jintuża fil-futur, anke fi kwistjonijiet koperti bid-Direttiva.<br>Minħabba li ntużat it-traduzzjoni li nirrakkomandaw aħna fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1234/2008 li jikkonċerna l-eżami ta' varjazzjonijiet fit-termini tal-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq tal-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u tal-prodotti mediċinali veterinarji, li hu bbażat fuq id-Direttiva 2001/83/KE, it-terminoloġija li ntużat f'din id-Direttiva toħloq konfużjoni fir-rigward tar-regoli dwar il-varjazzjonijiet f'awtorizzazzjonijiet tas-suq għal prodotti mediċinali.<br>Il-Ġermanja ser tkompli tinsisti li jintużaw termini li jirriflettu t-terminoloġija legali Ġermaniża fil-verżjonijiet tal-lingwa Ġermaniża ta' proposti futuri li jistabbilixxu jew jirrevedu l-liġi Ewropea dwar prodotti mediċinali u terġa' tappella lill-Kunsill biex iqis dan fit-tħejjija ta' leġislazzjoni futura. | | | |
| Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jadatta ċerti atti soġġetti għall-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE b'rabta mal-proċedura regolatorja bi skrutinju - Adattament għall-proċedura regolatorja bi skrutinju - ir-Raba' Parti | PE-CONS 3734/1/08 REV 1 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TAL-ATTI LEĠISLATTIVI<br>Mejju 2009 | | | |
|---|---|---|---|
| **TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV** | **TESTI ADOTTATI** | **REGOLA TA' VOTAZZJONI** | **VOTI** |
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**<br>Il-limiti ta' żmien li fihom il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu jopponu abbozz ta' miżura, skont l-Artikolu 5a(3)(c) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468, tqassru għal erba' ġimgħat jew xahar f'xi dispożizzjonijiet tal-atti bażiċi li ġejjin: id-Direttiva 2004/17, id-Direttiva 2004/18 u r-Regolament Nru 2111/2005. Meta tgħaddi abbozzi ta' miżuri lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skont dawk id-dispożizzjonijiet, ħlief matul il-perijodu tal-vaganzi tas-sajf tal-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni timpenja ruħha li tagħti każ tal-ħtieġa li l-Parlament Ewropew jagħmel laqgħa plenarja qabel ma jiskadu l-limiti ta' żmien mnaqqsa rilevanti, u ttenni l-impenji tagħha skont il-Ftehim bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni dwar il-proċeduri għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE, kif emendata mid-Deċiżjoni 2006/512/KE, b'mod partikulari fir-rigward tas-sistema ta' twissija bikrija prevista fil-paragrafu 16 tagħha.<br><br>**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**<br>Il-Kummissjoni tinnota b'dispjaċir id-deċiżjoni li tiġi applikata l-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 8(1) tar-Regolament Nru 2111/2005. F'dan ir-rigward, hija tixtieq tenfasizza li r-regoli implimentattivi inkwistjoni huma ta' natura proċedurali u amministrattiva u jelaboraw dwar ir-regoli li diġà jinsabu fl-att bażiku. Il-Kummissjoni ttenni l-importanza li jiġi żgurat l-ogħla standard ta' sikurezza tal-ajru. Sabiex jintlaħaq dan l-objettiv, hija tibbaża l-azzjoni tagħha fuq kriterji stretti, rikonoxxuti internazzjonalment, li jiġu applikati b'mod oġġettiv. Dan dejjem kien il-każ fl-aġġornamenti tal-lista s-sewda li saru minn meta r-Regolament Nru 2111/2005 daħal fis-seħħ. Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-ħidma fuq dan id-dossjer għandha tkompli titwettaq abbażi ta' kriterji tekniċi biss. Għalhekk hija temmen li r-regoli ta' proċedura għandhom, fi kwalunkwe każ, jibqgħu jiggarantixxu livell għoli ta' sigurtà u ta' effiċjenza. | | | |

________________

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN<br>MAY 2009 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| **L-2940 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET EKONOMIĊI u FINANZJARJI), li saret fi Brussell fil-5 ta' Mejju 2009**<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Ħames Snin Wara t-Tkabbir tal-UE<br>8964/1/09 REV 1<br><br>Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 383/2009 tal- 5 ta' Mejju 2009 li jimponi dazju definittiv ta' antidumping u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti wajers u swiegli tal-azzar mingħajr liga tal-prestressing u l-poststressing (wajers u swiegli PSC) li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina<br>8684/09 + REV 1 (lt)<br><br>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim interim bil-ħsieb ta' Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Istati SADC FSE, minn naħa l-oħra<br>14062/08 + ADD 1 to 12 + ADD 3 COR 1 (lv) + ADD 10 COR 1 + ADD 10 COR 2 (ro) + ADD 10 COR 3 (pt) + ADD 10 REV 1 (mt) + ADD 10 REV 1 COR 1 (mt) + ADD 10 REV 1 COR 2 (mt) + ADD 12 COR 1 + ADD 12 COR 2 + REV 1 (mt) + REV 2 (cs)<br><br>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-Ftehim dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti Messikani<br>7158/09 + COR 1 (pl) + COR 2 (fi) + COR 3 + COR 4 (de) + COR 5 (fr) | |

| ATTI OĦRAJN | Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi |
|---|---|
| **Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kunsill u l-Kummissjoni**<br>Inter alia għal raġunijiet pragmatiċi, huwa preferibbli li l-Komunità waħedha għandha tikkonkludi l-Ftehim mal-Istati Uniti Messikani dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru. L-istess konsiderazzjonijiet japplikaw fir-rigward ta' ftehimiet simili dment li jiġu konklużi skont u fil-limiti tal-mandat dwar is-sostituzzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehimiet bilaterali eżistenti adottati bid-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2003.<br>Din id-Deċiżjoni ma tikkostitwixxix preċedent fir-rigward tal-eżerċizzju tal-kompetenzi rispettivi tal-Komunità u tal-Istati Membri tagħha fir-rigward ta' ftehimiet oħrajn li mhumiex dawk imsemmija hawn fuq, bħal pereżempju, ftehimiet tat-tip previst mid-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2003 li tawtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati mal-Istati Uniti fil-qasam tat-trasport bl-ajru, li għandhom jiġu konklużi bħala ftehimiet imħallta.<br>Din id-Deċiżjoni ma toħloq l-ebda kompetenza Komunitarja ġdida safejn huma kkonċernat ftehimiet esterni dwar is-servizzi bl-ajru, u lanqas ma taffettwa d-diviżjoni tal-kompetenzi bejn il-Komunità u l-Istati Membri tagħha. | |
| 2009/433/KE: Deċiżjoni tal-5 ta’ Mejju 2009 dwar l-adeżjoni tal-Komunità Ewropea mar-Regolament Nru 61 tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa dwar dispożizzjonijiet uniformi għall-approvazzjoni ta’ vetturi kummerċjali fir-rigward tal-isporġenzi esterni tagħhom ’il quddiem mill-pannell posterjuri tal-kabina<br>7240/09<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-sostenibilità fit-tul u l-kwalità tal-finanzi pubbliċi<br>9490/09<br><br>**Proċedura bil-miktub konkluża fis-6 ta’ Mejju 2009**<br><br>2009/459/KE: Deċiżjoni tal-Kunsill tas- 6 ta’ Mejju 2009 li tagħti għajnuna finanzjarja tal-Komunità lir-Rumanija fuq medda medja ta’ żmien<br>9061/09 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN<br>MAY 2009 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| **Dikjarazzjoni mill-Ġermanja**<br>Il-Gvern Federali qabel li jaċċetta r-rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tagħti assistenza reċiproka lir-Rumanija u l-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tagħti assistenza finanzjarja tal-UE għall-perijodu medju lir-Rumanija minkejja l-fatt li dokumenti ta' referenza 9059/09 u 9061/09 mhumiex disponibbli bil-Ġermaniż, filwaqt li nistennew li s-Segretarjat tal-Kunsill jipprovdi l-verżjonijiet bil-Ġermaniż għad-dokumenti ta' hawn fuq malajr kemm jista' jkun. | |
| **L-2941 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (EDUKAZZJONI, ŻGĦAŻAGĦ u KULTURA), li saret fi Brussell fil-11 u t-12 ta' Mejju 2009**<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill bil-ħsieb tal-parteċipazzjoni tal-UE fit-tmien sessjoni tal-Forum tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Foresti (UNFF-8 - New York, mill-20 ta' April sal-1 ta' Mejju 2009)<br>7157/09<br><br>Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar Pożizzjoni tal-Komunità fir-rigward ta' Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni UE-Albanija li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu inklużi r-Regoli ta Proċedura tal-Kumitat ta Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni<br>8583/09<br><br>Pożizzjoni Komuni tal-Unjoni Ewropea dwar L-ewwel laqgħa tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Albanija, Brussell, 18 ta' Mejju 2009<br>9316/1/09<br><br>Dikjarazzjoni Politika Unjoni Ewropea - Arġentina<br>9405/09 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN<br>MAY 2009 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 393/2009 tal- 11 ta' Mejju 2009 li jimponi dazju definittiv kontra d-dumping u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti xemgħat, kandeletti u prodotti simili li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina<br>8983/09 | |
| Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tas-Sistema Ewropea ta' Krediti għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (ECVET)]<br>PE-CONS 3747/3/08 REV 3 | Maġġoranza kwalifikata<br>L-Istati Membri kollha favur |
| Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' Qafas ta' Referenza Ewropew għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità fl-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali<br>PE-CONS 3746/1/08 REV 1 | Maġġoranza kwalifikata<br>L-Istati Membri kollha favur |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar l-evalwazzjoni tal-qafas attwali għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ u dwar il-perspettivi futuri għall-qafas imġedded<br>9169/09 + COR 1 (fi) | |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill u r-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, tat-12 ta' Mejju 2009 dwar it-titjib ta' sħubiji bejn l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ u l-imsieħba soċjali, b'mod partikolari min iħaddem, fil-kuntest tat-tagħlim tul il-ħajja<br>9876/09 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN<br>MAY 2009 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Mejju 2009 dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ (ET 2020)<br>9845/09<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Kultura bħala Katalista għall-Kreattività u l-Innovazzjoni<br>8749/1/09 REV 1 + REV 1 COR 1 (fr) REV 1 COR 2 (lv) + REV 2 (da) + REV 3 (ro) + REV 4 (fi)<br><br>2009/400/KE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Mejju 2009 dwar l-avveniment tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura għas-sena 2012<br>8790/09<br><br>2009/401/EC: Deċiżjoni tal-Kunsill tat- 12 ta' Mejju 2009 dwar l-avveniment tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura għas-sena 2013<br>8794/09<br><br>**L-2942 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET ĠENERALI u RELAZZJONIJIET ESTERNI), li saret fi Brussell fit-18 ta' Mejju 2009**<br><br>Azzjoni konġunta tal-Kunsill 2009/405/PESK tat- 18 ta' Mejju 2009 li temenda l-Azzjoni Konġunta 2008/112/PESK dwar il-missjoni tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għar-riforma tas-settur tas-sigurtà fir-Repubblika tal-Ginea Bissaw (EU SSR GINEA-BISSAU)<br>7958/09 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN<br>MAY 2009 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| Pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea għas-47 laqgħa tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KE-Turkija (Brussell, 19 ta' Mejju 2009)<br>9649/09 + COR 1 + COR 1 REV 1 (fi) + COR 2 (nl, fi, sv, cs lt)<br><br>Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 412/2009 tat- 18 ta' Mejju 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 428/2005 li jimponi dazju definittiv anti-dumping fuq l-importazzjoni ta' fibri diskontinwi tal-poljester li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u mill-Għarabja Sawdita, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2852/2000 li jimponi d-dazju definittiv anti-dumping fuq l-importazzjoni ta' fibri diskontinwi tal-poljester li joriġinaw mir-Repubblika tal-Korea u li jtemm il-proċedura anti-dumping fir-rigward ta' tali importazzjonijiet li joriġinaw mit-Tajwan<br>9088/09<br><br>2009/393/KE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Mejju 2009 li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem il-Komunità, fi ħdan il-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali fir-rigward tal-estensjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ taċ-Ċereali tal-1995<br>8330/09<br><br>2009/394/KE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-18 ta Mejju 2009 li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem il-Komunità fi ħdan il-Kunsill Internazzjonali taz-Zokkor fir-rigward tal-estensjoni tal-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992<br>8333/09<br><br>**L-2943 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET ĠENERALI u RELAZZJONIJIET ESTERNI), li saret fi Brussell fit-18 u t-Tlieta 19 ta' Mejju 2009** | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN<br>MAY 2009 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Strateġija tal-UE ta' Sostenn għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri fil-Pajjiżi fil-Fażi ta' Żvilupp<br>9920/09<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Aċċess għal sorsi ta' enerġija sostenibbli fil-livell lokali fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw<br>9909/09<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Appoġġ għall-Governanza Demokratika - Lejn qafas imsaħħaħ tal-UE<br>9908/09<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Somalja<br>9733/09<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sri Lanka<br>9857/2/09 REV 2<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-PESD<br>10087/09<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Appoġġ lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex ilaħħqu mal-kriżi<br>10018/09 + COR 1<br>**L-2944 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AGRIKOLTURA), li saret fi Brussell, fil-25 ta' Mejju 2009** | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN<br>MAY 2009 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| Pjan ta' Azzjoni dwar id-Drogi 2009-2013 bejn l-UE u l-istati Ċentro-Asjatiċi<br>9961/09<br><br>2009/404/KE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal- 25 ta' Mejju 2009 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera, li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ tal-prodotti agrikoli<br>12446/1/08 REV 1 | |
| **Dikjarazzjoni mill-Ungerija**<br>L-Ungerija tappoġġa l-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kummerċ tal-prodotti agrikoli. L-Ungerija tqis li l-Ftehim jirrappreżenta progress fil-protezzjoni tad-denominazzjonijiet ġeografiċi tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.<br>Il-punt A.II tal-Anness III għall-Ftehim fih biżżejjed indikazzjoni dwar denominazzjonijiet ġeografiċi u ż-żoni li jkopru, f'konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti bid-dispożizzjonijiet amministrattivi u legali nazzjonali u Komunitarji.<br>F'A.1.6.1 il-paragrafu (15) tal-punt A.II tal-Anness III għall-Ftehim, seba' komuni fis-Slovakkja huma elenkati taħt l-isem ġeografiku ta' "Tokaj". Madankollu, dan il-fatt ma jistax jittieħed bħala ġustifikazzjoni biex is-Slovakkja tiddikjara, b'referenza għaż-żona ġeografika li tista' tkun konnessa mad-denominazzjoni ġeografika "Tokaj", li l-Ungerija rrikonoxxiet il-komuni elenkati bħala parti mir-reġjun tal-produzzjoni tal-inbid Tokaj. | |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali tal-Qorti tal-Awdituri Nru 1/2009 dwar "Miżuri Bankarji fiż-żona tal-Mediterran fil-kuntest tal-programm MEDA u l-protokolli preċedenti"<br>9918/09<br><br>2009/447/KE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal- 25 ta' Mejju 2009 li tħassar Id-Direttiva 83/515/KEE u 11-il Deċiżjoni li skadew fil-qasam tal-Politika Komuni tas-Sajd<br>9555/09 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN<br>MAY 2009 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "PAK Simplifikata - suċċess għal kulħadd"<br>9859/09<br><br>**L-2945 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (KOMPETITTIVITÀ (SUQ INTERN, INDUSTRIJA u RIĊERKA)), li saret fi Brussell fit-28 u d-29 ta' Mejju 2009**<br><br>2009/473/KE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Mejju 2009 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fl-għamla ta' skambju ta' ittri dwar l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' sħubija dwar is-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Ginea<br>7806/09 + REV 1 (lv)<br><br>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-pożizzjoni Komunitarja li għandha tiġi adottata fil-Kummissjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali<br>9932/09 + COR 1 (lv)<br><br>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-pożizzjoni Komunitarja li għandha tiġi adottata fl-Organizzazzjoni għall-Konservazzjoni tas-Salamun fl-Oċean Atlantiku tat-Tramuntana<br>9930/09<br><br>Deċiżjoni tal-Kunsill li tippubblika f'forma konsolidata t-test tal-Konvenzjoni Doganali dwar it-trasport internazzjonali ta' oġġetti ta' merkanzija li jaqgħu taħt il-carnets TIR (Konvenzjoni TIR) tal-14 ta' Novembru 1975 kif emendata minn dik id-data 'l hawn<br>7563/09 + COR 1 (bg) + REV 1 (fi) + REV 2 (hu) + REV 3 (en) | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN<br>MAY 2009 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| 2009/448/KE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Mejju 2009 li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-bank ċentrali nazzjonali, fir-rigward tal-awditur estern tad-De Nederlandsche Bank<br>8967/09 + COR 1<br>Dikjarazzjoni Konġunta AKP-UE dwar it-Tibdil fil-Klima u l-Iżvilupp<br>9326/09<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Approċċ integrat għal politika industrijali kompetittiva u sostenibbli fl-Unjoni Ewropea<br>10082/09 + REV 1 (pl)<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Regolamentazzjoni Aħjar"<br>9663/09<br><br>Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar l-eżitu tas-Sitt "Kunsill Spazju" tad-29 ta' Mejju 2009<br>10228/09 + REV 1 (fr)<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-evalwazzjoni u valutazzjoni tal-impatt tal-programmi qafas Ewropej għar-riċerka (FPs)<br>10610/09<br><br>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Infrastrutturi ta' Riċerka u d-dimensjoni reġjonali taż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER)<br>10612/09 | |

| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN<br>MAY 2009 | |
|---|---|
| **ATTI OĦRAJN** | **Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi** |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-ewwel passi tal-Proċess ta' Ljubljana lejn it-twettiq tal-Viżjoni 2020 għaż-Żona Ewropea tar-Riċerka<br>10615/09 | |